**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**MALTA**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

CCT/48/15/S

Paul Bond
Vs
J.Micallef Service Station Ltd

Illum 25 ta'Frar,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Paul Bondipprezentata fis-27 ta'Frar,2015 u r-risposta tas-socjeta J.Micallef Service Station Ltd ipprezentata fis-17 ta'Marzu,2015;

Ra d-dokumenti, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-14 ta'Jannar,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda hsara li saret fl-ECU tal-magna tal-vettura tar-rikorrent wara li din inhaslet minn impjegat tas-socjeta intimata;

Illi jinghad mal-ewwel li r-rikorrent baqa' ma pprezentax ircevuti in sostenn ta' dak minnu allegat dwar dak li allegatament nefaq biex sewwa' l-hsara li skont hu, telghet ghal cirka €1300;

Illi irrizulta mill-provi li r-rikorrent kien gja hasel il-magna tal-vettura tieghu darb'ohra u ma sofra ebda hsara;

Illi rrizulta wkoll mill-provi li impjegat tas-socjeta intimata wissa' lir-rikorrenti u tenna li ma kinux se jassumu responsabilita jekk jinqala' xi haga;

Illi l-konsumatur irid jigi mghejjun biex jasal ghall-decizjoni dwar l-ahjar uzu u biex tigi evitata hsara u f'dan il-kaz, it-Tribunal ihoss li ma ttihdux prekawzjonijiet varji biex ma ssirx hsara bhal li jintuza' plastik biex jitghatta l-ECU u kull parti li tistà' ggarrab hsara;

Illi f'dan ir-rigward is-socjeta intimata ma uzatx il-prudenza, diligenza u l-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* kif stipulat fl-artikolu 1032(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi min-naha l-ohra, r-rikorrent ha riskju partikolarment meta ma jidhirx li l-hasil tal-magna ma kinitx xi haga necessarja izda iktar xi haga kozmetika;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi parzjalment milqugha pero mhux l-ammont mitlub fit-talba;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Paul Bond filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta J.Micallef Service Station Ltd u Jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €350 stabbilita *ex aequo et bono,* b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070